**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 59/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Cutajar)**

**Vs**

**ANTHONY DEBATTISTA**

**Illum, 6 ta'Lulju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Anthony Debattista talli fl-10 ta'Frar, 1997, wara t-3.00 p.m., u nhar il-11 ta'Frar, 1997, gewwa Birkirkara :

1. Ikkommetta serq ta'vettura bin-numru tar-registrazzjoni A-6082, ghamla Fiat 127, u ta' xi oggetti ohra, liema valur jeccedi l-Lm500 izda hu anqas minn Lm1000, ghad-detriment ta'Agnes Aquilina ;
2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u xjentment b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom ;
3. Fl-istess data, u wara din id-data w cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta'hwejjgu jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fil-21 ta'Marzu, 2001, li biha filwaqt li ma sabetx lill-Anthony Debattista hati tat-tieni w tat-tielet akkuzi, u lliberatu minnhom, sabitu hati fuq l-ewwel akkuza, dik ta'serq, u lliberatu taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza taghha.

Rat ir-rikors t'appell ta'Anthony Debattista datat 27 ta'Marzu, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, tirrevokaha u thassarha fil-parti fejn sabitu hati biex b'hekk jigi liberat minn kull akkuza, htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Rat is-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fis-27 ta'Gunju, 2000, li biha kienet annullat u hassret l-ewwel sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali w bghatet dawn l-atti lura lil dik il-Qorti bhala Qorti Istruttorja biex dik il-Qorti tipprocedi skond il-ligi fir-rigward l-akkuzi kollha dedotti kontra Anthony Debattista, liema proceduri gew decizi mill-ewwel Qorti bit-tieni sentenza taghha tal-21 ta'Marzu, 2001, li hija s-sentenza li qed tigi appellata f'dawn il-prezenti proceduri.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fil-qosor il-fatti li jirrizultaw huma s-segwenti :

Fil-bidu tas-sajf tas-sena 1966, Agnes Aquilina kellha incident tat-traffiku fejn il-karozza taghha ta' l-ghamla Fiat 127 kienet garrbet hsarat konsiderevoli tant li ma kienx ekonomiku li din tissewwa. Hi avvicinat lill-appellant, li kien il-mechanic taghha, u haditlu din il-karozza taghha fil-garage tieghu li jinsab f'Tal-Ibragg. Agnes Aquilina talbet lill-appellant biex jaghti daqqa t'ghajn lil xi karozzi ohra li hi tista' tixtri. Fl-ahhar gara li l-appellant kien qal lil din Agnes Aquilina li hu kellu, di propjeta' tieghu, karozza ta' l-ghamla Seat 127 li seta' ibieghilha. Il-ftehim kien li l-appellant kellu jirranga din il-karozza tieghu w jaghmel kull haga mekkanikament mehtiega w jimmonta fuqu l-magna tal-Fiat 127 li kienet fikl-vettura mahbuta ta'Agnes Aquilina. Il-prezz miftiehem u accettat miz-zewg nahat ghal din l-operazzjoni kollha kien ta'Lm850 u, skond Agnes Aquilina, l-appellant kien sejjer izomm il-karozza taghha li kienet habtet biha w hi tiehu tieghu bil-magna taghha mpoggiha fiha.

Jirrizulta li l-appellant ikkonsenja l-karozza Seat 127 (tieghu), bil-magna Fiat go fiha, fil-5 ta'Settembru, 1996, izda kien ghad jonqos xi xoghol li jsir fiha. Skond l-appellant il-ftehim kien li Aqulina kellha thallsu il-bilanc appena l-karozza tkun lesta bl-ispray b'kollox. Fis-27 ta'Settembru,1996, Agnes Aquilina hallset lill-appellant is-somma ta'Lm200, u fil-25 ta'Ottubru, 1996, hallsitu Lm70 ohra minhabba xi tiswija li l-appellant ghamel fuq il-vettura ghal xi hsara li zviluppalha.

Jirrizulta li nqala xi disgwid bejn l-appellant u din Aquilina. Ghalhekk, fit-22 ta'Frar, 1997, l-appellant iddecieda li jmur jiehu din il-karozza minn hdejn ir-residenza ta'Agnes Aquilina w, biex ghamel hekk, uza l-ispare keys li kien zamm ghandu. F'din il-karozza kien hemm ukoll diversi oggetti li jappartjenu lill-Agnes Aquilina li l-appellant baqa' ma tahomliex lura, ghalkemm stqarr li ried jaghmel hekk.

Illi l-aggravju ta' l-appellant, bazikament, hu li b'dak li ghamel hu ma kkomettiex serq, izda, se mai, ir-reat ta' ragion fattasi. Hu jallega li dik il-vettura kienet ghada propjeta' tieghu, u, ghalhekk, meta qabad u hadha ghaliex dehrlu li kien ghadda zmien bizzejjed u Agnes Aquilina dehret li ma kienetx sejra thallsu l-bilanc li hu jirritjeni li kellha tghatih, qatt ma setgha

jikkommetti serq ta'haga li kienet ghada tieghu. Dan hu l-kaz klassiku tal-ferm dibattut principju tal- "*furto di cosa propria*".

Preliminarjament ghandu jinghad li l-appellant ghandu ragun jilmenta li l-ewwel Qorti qatt ma setghet tesprimi l-opinjoni taghha dwar jekk il-bejgh kienx fil-fatt sar u li dik il-karozza kienet tappartjeni lill-Agnes Aquilina. Il-kwistjoni jekk kienx effettivament sar il-bejgh tal-vettura jew le hija kwistjoni purament ta'natura civili, u, ghalhekk, l-ewwel Qorti, bhala Qorti b'kompetenza kriminali, qatt ma setghet tippronunzja ruha f'materja civili bhal ma hi din fis-sens li, skond hi, in-negozju bejn il-partijiet kien sar u li dik il-vettura kienet propjeta' ta'Agnes Aquilina. Din il-Qorti, filwaqt li taqbel ma' dan l-ilment ta' l-appellant, b'dana kollu ma tarax li din hi l-kwistjoni principali f'dawn il-proceduri penali. Fil-fatt lanqas ma jinteressaha tkun taf jekk il-bejgh legalment kienx sar jew le. Li hu rilevanti f'dan il-kaz hu li stante li l-appellant qed jirritjeni li l-vettura kienet ghada propjeta' tieghu, allura dak l-att tieghu li qabad u hadha mill-pussess ta'Agnes Aquilina, minghajr il-permess taghha, ma kienx jammonta ghad-delitt ta'serq li tieghu sabitu hati l-ewwel Qorti.

Ghalhekk dak li sejra titratta din il-Qorti hija din il-kwistjoni biss, cioe', jekk ghandhux ragun l-appellant jsostni li ma jistghax ikun hemm serq ta'haga meta dik il-haga tkun propjeta' ta' min effettivament jehodha. Dan hu punt li l-ewwel Qorti kompletament skartat li tikkunsidra fis-sentenza taghha, ghalkemm jirrizulta li l-appellant, allura, imputat, kien gja' qajjem din is-sottomissjoni tieghu quddiemha in linea difensonali.

Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tieghu, meta jitkellem fuq din il-kwistjoni tal-"*furto di cosa propria*", fid-definizzjoni li jaghti ghall-oggett li jittiehed, jiddeskrivih bhala "**res aliena**", cioe' oggett li jappartjeni lill-xi hadd fil-mument li jittiehidlu mill-pussess tieghu. Fil-fatt, jghid il-Mamo, lanqas ma hu necessarju li l-persuna minghand min jittiehed l-oggett tkun is-sid jew propjetarju ta'dak l-oggett fis-sens tal-Ligi Civili. Id-delitt ta'serq ta'oggett jista' jsir ukoll lill-persuna li tkun qed izzomm dak l-oggett, anke jekk mhux bhala propjetarju jew sid ta' dak l-oggett, izda, tkun qed izzommu anke temporanjament bhal, per ezempju, taht titolu ta' depozitu, kera, u simili. Skond mil-Mamo : " *Though there may be a theft only where the thing, at the time of being stolen, belonged to some other person, yet it is not necessary that this person should be the full owner thereof. He may be a person having only possession or control of the thing. Consequently, paradoxical as it may seem, a man may commit a theft by stealing his own property.* "

Din il-kwistjoni tal-"*furto di cosa propria*" fis-sistema guridiku Malti giet ampjament trattata fil-proceduri "*Rex –vs- Joseph Degiorgio" decizi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Att ta'Akkuza 8274/1945) b'sentenza ta'dik il-Qorti tat-23 ta'Frar, 1945*. Aktar ricentement, l-istess insenjament imsemmi fil-precitata sentenza gie abbraccjat f'sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-*Appell Kriminali deciz fil-25 t'Awwissu, 1998, fl-ismijiet Il-Pulizija –vs- Anthony Borg Inguanez.* Il-principju gie diterminat u stabbilit permezz ta' dawn iz-zewg sentenzi li r-reat ta'serq ta'haga proprija hu fis-sistema guridiku taghna ammess. Bihom gie stabbilit li " *r-res propria tista', xi mindaqqiet, taht certi kundizzjonijiet guridici, tigi kunsidrat bhala haga ta'haddiehor meta l-*

*propjetarju, bhala rizultat ta'certi rapporti guridici, ma jkollux d-disposizzjoni libera tal-haga, kif hu appuntu l-kaz meta l-haga tkun qeghda b'rahan, jew altrimenti sotratta mill-libera disponibilita' tal-propjetarju*."

Illi dan huwa precizament il-kaz in dizamina, fejn il-vettura Seat 127, minhabba certi rapporti guridici bejn l-appellant u Agnes Aquilina, kienet sottratta mil-libera disponibilita' ta' l-appellant, anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument biss kien ghadu l-propjetarju taghha. Mhux argument ta' l-appellant li jghid li l-vettura kienet ghada fil-pussess tieghu, mill-aspett tal-ligi penali, gja' la darba kien ghad ghandu l-ispare keys taghha. Dan il-fatt bla ebda mod ma jista' jfisser li hu kien ghad ghandu il-pussess tal-vettura flimkien ma' Aquilina. Li jorbot hawnhekk huwa l-pussess effettiv, cioe' min kienet il-persuna li effettivament kellha il-kontroll tal-vettura. Indubjament din kienet Agnes Aquilina. Il-fatt li l-appellant zamm l-ispare keys ma jghatih ebda dritt li jirriprendi l-pussess tal-vettura minghad Agnes Aquilina minghajr il-kunsens taghha. Sa dak il-mument il-karozza kienet ghandha, fil-pussess u kontroll shih u effettiv taghha, u ghal dak iz-zmien li kienet ghandha, l-appellant ma kienx liberu li juza l-istess vettura, anke, jekk, ghall-grazzja ta' l-argument biss, kienet ghadha propjeta' tieghu. Hu ma setghax jaghmel uzu minn dik il-vettura minhabba l-ftehim li kellu ma' Agnes Aquilina fuq imsemmi. Jekk l-appellant kien qed ihoss, forsi gustament, li din Aquilina kienet naqset mill-obbligi taghha lejh in bazi ta' dak il-ftehim, l-azzjoni li kellu jiehu mhiex dik li fil-fatt ha, izda xi azzjoni ohra li tghatih il-ligi. B'dak li ghamel, u konformament ma' l-insenjament fuq indikat, din il-Qorti tara, ghalhekk, li b'dak li ghamel l-appellant, fic-cirkostanzi li jirrizultaw mill-provi, kien jikkostitwixxi d-delitt ta'serq, anke jekk, jerga' jinghad, dik il-vettura kienet ghadha propjeta' tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qedha tichad l-appell ta'Anthony Debattista w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur